# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta` Gunju, 2002**

**Numru: 10**

**Citaz. Numru: 25/02**

**Charles Michael Gauci**

**vs**

**Alfred Vella f`ismu proprju u ghan-nom tax-Xemxija Hotels Limited u ghal kull interess li jista` jkollha martu Mary Vella u b`digriet tat-30 ta` Mejju 2001 Vincent Zahra gie ammess jintervjeni "in statu et terminis"**

Dan il-provvediment gie provokat b`rikors ta` Alfred Vella proprio u ghan-nom ta` Xemxija Hotels Limited u ghal kull interess li jista` ikollha minn martu Mary Vella liema rikors gie pprezentat fid-29 ta` Jannar 2002. F`dan ir-rikors, wara li jesponu li huma kienu pprezentaw talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fil-grad ta` Appell fl-istess ismijiet, talbu lil din il-Qorti ma tghaddix ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza taghha sakemm

tigi trattata u deciza t-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza. It-talba ulterjuri illi din il-Qorti ma tilqa` ebda talba ghall-izgumbrament hija prematura f`dan l-istadju u ma tistax tinkwadra ruhha taht l-Artiklu 823 tal-Kodici ta` l-Organizazzjoni u Procedura Civili a bazi ta` liema artiklu gie pprezentat dan ir-rikors u dan minkejja illi l-artiklu ‘per se’ mhux imsemmi mir-rikorrenti. Ir-referenza ghall-kawza hija dik Citazzjoni Numru 248/99 deciza minn din il-Qorti fl-14 ta` Jannar 2002 u l-fond huwa l-lokal “Natasha” maghruf ukoll bhala ‘Ix-Xemxija‘, f`Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar, minkejja illi ebda minn din l-informazzjoni ma hija moghtija fir-rikors promotur.

Ghal dan ir-rikors saret risposta mill-intimat fl-1 ta` Frar 2002 fejn talab lill-Qorti, ghar-ragunijiet hemm moghtija, li tichad it-talba odjerna ukoll ghax, b`mod preliminari, skond l-intimat ma kenux jissussistu l-kundizzjonijiet rikjesti mill-istess Artiklu 823. Ghar-ragunijiet moghtija fil-verbal tal-15 ta` Mejju 2002 ir-rikors gie ittrattat biss mid-difensur ta` l-intimat. Ghal din it-trattazzjoni orali pero` saret ir-risposta bil-miktub tar-rikorrenti fid-29 ta` Mejju 2002 u r-replika ta` l-intimat fil-11 ta` Gunju 2002. Il-Qorti ezaminat dawn is-sottomissjonijiet u dokumenti ohra li gew prodotti f`dawn il-proceduri inkluz kopja ta` sentenza ohra ta` din il-Qorti ukoll ta` l-14 ta` Jannar 2002 li giet ezebita b`nota ta` l-intimat tal-15 ta` Mejju, 2002.

Ikkunsidrat;

Illi s-sistema legali taghna hija wahda superjuri ghal dik ta` diversi gurisdizzjonijiet ohra fis-sens illi tipprovdi, bi ftit eccezzjonijiet, ghal dritt tad-doppio ezami. La darba, pero`, il-materja in kontestazzjoni tkun giet ezaminata minn Qorti ohra fi grad ta` Appell il-gustizzja stess tirrekjedi li din is-sentenza tghaddi in gudikat u, jekk ikun il-kaz, issir l-ezekuzzjoni taghha. Dan nonostante il-ligi taghna f`cirkostanzi eccezzjonialissimi tipprovdi, permezz ta` l-istitut ta` ritrattazzjoni, ghar-ri ezami tal-kaz biss f`dawk il-kazijiet ikkontemplati fl-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Stante pero` in-natura restrittiva tal-provvediment ta` dan l-istess artiklu u stante illi r-ritrattazzjoni mhix grad ulterjuri ta` Qorti ta` revizjoni r-regola hija li *"It-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata"* (Artiklu 823 (1) tal-Kap 12).

Minkejja dan is-sub artiklu pero` is-sub artiklu (2) ta` l-istess artiklu jipprovdi illi wara rikors appozitu din il-Qorti tista` tordna t-twaqqif ta` ezekuzzjoni ta` sentenza jekk:

*"(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fis-sub artiklu (10) ta` l-Artiklu 266;*

*(b) jigi muri ghas-sudisfazzjon tal-Qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta` l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja".*

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tas-sub inciz (a) minkejja illi l-Qorti mhix ghal kollox sodisfatta illi l-garanzija giet mahduma kif jirrekjedi s-sub artiklu (10) ta` l-Artiklu 266, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-intimat, garanzija fl-ammont ta` erba` mija u wiehed u erbghin liri Maltin (Lm441) giet ipprovduta mal-prezentata tar-rikors odjern. Din il-garanzija, di piu`, giet moghtija in addizzjoni ma`, u mhux minflok, il-kawtela li kellha tinghata ghall-kawza proprja tar-ritrattazzjoni.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar jekk f`dan il-kaz kinux jippersistu l-elementi mis-sub inciz (b) fuq imsemmi. Il-kwistjoni principali f`dan il-kuntest huwa li l-Qorti trid tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jista` jsofri r-rikorrenti huwa <u>akbar</u> u mhux <u>daqs</u> (sottolinjar tal-Qorti) il-pregudizzju li tista` issofri l-parti kuntrarja. Dan il-provvediment huwa ovvjament intiz biex bhala regola jigi segwit il-principju tas-sub artiklu (1) u li biss bhala eccezzjoni jidhol fl-applikazzjoni tieghu s-sub artiklu (2). Fil-verita` din il-Qorti tistqarr illi ma gietx sodisfatta li sejjer ikun hemm dan il-pregudizzju akbar lir-rikorrenti prova li, del resto, kellha ssir minnu.

Finalment, minkejja illi dan il-punt jista` ikun biss wiehed sekondarju, ma giex ikkontestat illi l-fond in kwistjoni kien qed jigi gestit minn certu Vincent Zahra li kien gie anke ammess jintervjeni "*in statu et terminis*" fil-kawza fl-Appell quddiem din il-Qorti. Din il-parti fil-kawza mhix partecipi f`dawn il-proceduri.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija t-talba ghat-twaqqif ta` l-ezekuzzjoni tas-sentenza hija michuda.

L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju fuq il-mertu b`dan, pero`, li l-garanzija li giet moghtija ma` dan ir-rikors ghandha tigi rifusa lir-rikorrenti pro et nomine mir-Registratur ta` dawn il-Qrati stante illi b`din id-decizjoni ma ghad hemm l-ebda necessita` ghaliha.

Dep/Reg.

gs